# L-IMĠARR

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/20 il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 20 tat-Tmien Leġislatura, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija. Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming', kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'Video On Demand'.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI B' APOLOĠIJA**

Hadd

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Wistin Vella | Viċi-Sindku |

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU PREŻENTI**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:20pm.

ii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;*
*20.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*20.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;*
*20.4 Korrispondenza;*
*20.5 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;*
*20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;*
*20.7 Performance Appraisals taż-żewġ membri staff tal-Kunsill;*
*20.8 Allokazzjoni Finanzjarja 2021;*
*20.9 Hruġ ta' Sejħiet għall-offerti u evalwazzjonijiet ta' sejħiet passati;*
*20.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa.*

**20.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx irċieva noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**20.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

20.2.1 Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ġew iċċirkolati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant ġew meqjuża bħala moqrija u approvati.

20.2.2 Il-minuti tal-aħħar laqgħa għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.3.1 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' New Water tal-WSC u li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi ilmenti li x-xogħlijiet li qed isiru minn entitajiet varji. Is-Sindku semma li kien qiegħed jikkoordina mal-entitajiet biex dan il-proġett jitlesta kemm jista jkun malajr u bl-inqas inkonvenjent possibli.

20.3.2 Is-Sindku informa li, waqt talba li kellu mal-kap tal-iskola primarja tal-Imġarr, il-Kunsill ġie mitlub li jibgħat jgħalaq it-toroq li jmissu mal-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ tal-iskola, madwar 20 minuta kull darba. Is-Sindku informa wkoll li il-Kunsill bgħatt din it-talba lill-Transport Malta u qed jistenna risposta u approvazzjoni min-naħa tagħhom.

## 20.4 Korrispondenza

20.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenzi oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu imwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

20.4.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien irċieva ilmenti dwar Sqaq fi' Triq Dun Edgar, minħabba l-istat ħażin tal-art li jinsab fih speċjalment wara xi xogħlijiet li saru fih. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jara kif jista jirranġa dan is-sqaq u ieħor li jinsab qrib. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li dan isir.

20.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq email b' ilment dwar il-problema tal-ġbir tal-iskart fi' Triq il-Majjistral u Triq Papa Piju XII, peress li t-trakk tal-ġbir isibha diffiċċli li jgħaddi hemm minħabba li dawn huma toroq dojoq. Il-Kunsill, filwaqt li jifhem dan it-tħassib u inkonvenjent, qabel li dan ikun indirizzat fis-sejħa għall-offerti tal-ġbir tal-iskart li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin, biex il-kuntrattur prospettiv jintalab li jkollu trakk żgħir biex ikun jista' jiġbor minn dawn it-toroq ukoll.

## 20.5 Temi oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

20.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ftehim ma' TechMT sabiex jiġi installat WiFi ġdid fl-inħawi tal-gym fl-apert (Triq Ganfra). Dan il-ftehim ġie approvat unanimament.

20.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ftehim tal-LC Care li permezz tiegħu il-Kunsill ser jingħata €6100.00 f' għajnuna għall-ħarsien tal-qtates tat-triq. Il-Kunsilliera Odette Muscat ser tkun qed tikkoordina dan il-proġett.

20.5.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci daħal fil-5:50pm.

20.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Awditur Ġenerali fuq l-operat tal-Kunsilli Lokali għas-sena 2019. Bi' pjaċir, il-Kunsill innotta li il-Kunsill Lokali tal-Imġarr ma kienx jissemma b' mod negattiv fl-ebda' parti tar-rapport.

## 20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iSkeda tal-Pagamenti numru 12/2020 li kienet tammonta għal €89,122.61.

20.6.2 Din l-iskeda ġie approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Kunsill, Odette Muscat u Tiziana Borg Busuttil.

## 20.7 Performance Appraisals taż-żewġ membri staff tal-Kunsill

20.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ Performance Appraisals taż-żewġ ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn iż-żewġ rapporti u approva wkoll li jingħataw l-għola bonus marbut mal-posizzjoni tagħhom, jiġifieri dak ta' 6%. Is-Segretarju Eżekuttiv wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol tal-ħaddiema klerikali speċjalment matul din is-sena tal-pandemija fejn il-ħaddiema kellu jiffaċċjaw realtajiet ġodda. Ta' l-istess fehma kienu il-membri tal-Kunsill li irringrazzjaw lill-istaff tal-ħidma tagħhom.

## 20.8 Allokazzjoni Finanazjarja 2021

20.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien għadu kemm irċieva l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2021. Din ser tkun qed tammonta għall-€500,876. Din hija żieda meta wieħed iqabbel l-€497,876 tas-sena 2020. It-tqassim tal-allokazzjoni għall-2021 huwa kif jidher fit-tabella t' hawn taħt :

**KUNSILL LOKALI:** L-Imġarr

| Funzjonijiet | Allokazzjoni € |
|---|---|
| L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att | |
| **1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 7,292 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 9,562 |
| **2. Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| **Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:** | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 61,594 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 111,100 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 41,662 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 49,378 |
| **3. Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 80,111 |
| *Waste Tipping Fees* | 29,456 |
| **4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 107,720 |
| Fond ta' Aġġustament | |
| **I. Fond għal Żoni Turistiċi** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **III. Fond biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000** | 3,000 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **TOTAL** | **500,876** |

## 20.9 Hruġ ta' Sejħiet għall-offerti u evalwazzjonijiet ta' sejħiet passati;

20.9.1 Il-Kunsill iddiskuta dawk is-sejħiet tal-offerti li għandu proġettati li jiħarġu fil-ġimgħat li ġejjin.

20.9.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament li minflok jinħarġu żewġ sejħiet separati għas-Safety Rubber Flooring u għall-Playing Field Equipment ta' Ġnien Skorba, jinħareġ tender wieħed li fih ikopri ż-żewġ sejħiet.

20.9.3 Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-offerti dwar manutenzjoni tal-aperturi tal-injam u biex issir tieqa ġdid tal-injam għall-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv peress li dik li hemm presenti ma tistax tissewwa.

20.9.4 Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għas-servizz tal-perit peress li dan il-kuntratt kien skada.

20.9.5 Il-Kunsill iddiskuta li is-sejħa għall-Contracts Manager li inħarġet ftit qabel tinbidel biex tingħata termini aktar amplifikati li jinkludu fihom konsulenzi u Project Managment. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li din is-sejħa (li għada fi' stat ta' evalwazzjoni u lanqas għada biss bdiet tiġi evalwata), terġa tinħareġ biex tinkludi ukoll dawn it-termini.

## 20.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

20.10.1 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2021, fil-5:30pm.

20.10.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6:20pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |